**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 12/2021 AF**

**Lourdes Castillo**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Lourdes Castillo, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Dan ir-rikors fil-kompetenza kostituzzjonali/konvenzjonali qed isir ghax fil-konfront tal-esponenti hemm ksur manisfest tal-ligi penali, u dan gab li gew vjolati fil-konfront taghha l-Artiklu 6 u l-Artiklu 7 ta' Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem u l-Artiklu 39 fil-partijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni.

B'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tal-10 ta' Jannar 2014, l-esponenti kellha sentenza li kkonfermat li dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fid-19 ta' Settembru 2012 fejn wara illi sabet htija taz-zewg reati dedotti kkundannata ghal perjodu ta' sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 dan il-perjodu ta' prigunerija gie sospiz ghal zmien erba' snin. In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 ikkundannat lill-esponenti thallas lil parti leza John Attard is-somma ta' tlieta u disghin elf Ewro (€93,000) u dan fi zmien sitt xhur.

Appena qabzu s-sitt xhur John Attard ipprezenta rikors biex jaghti effett ghas-sentenza dwar in-nuqqas ta' hlas fi zmien sitt xhur liema rikors skond il-Ligi jwassal ghal kundanna effettiva tal-habs.

L-esponenti rrealizzat li kien hemm difett sostanzjali fir-redazzjoni tas-sentenza ta' kundanna mill-Qorti tal-Magistrati, u minn dan id-difett ma kien hemm l-ebda appell mill-Avukat Generali, u lanqas ghalhekk ma gie sanat fi stadju tal-Appell.

In-nuqqas kien fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza ta' 19/9/2012 meta giet biex titkellem fuq id-danni li ghandhom jithallsu naqset li taghmel **it-twissija mandatorja. Waqt li ghamlet it-twissija taht l-Artiklu 28A ma ghamlitx l-istess twissija mandatorja taht l-Artiklu 28H. La tirrizulta fis-sentenza u lanqas f'xi verbal redatt mir-registratur fuq dettatura tal-imhallef**.

L-esponenti qajmet din il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li tat digriet u principalment kien jghid li ma hemm l-ebda nullità prevista mill-ligi, u kollox seta' jibqa' miexi, u finalment b'digriet tat-12 ta' Jannar 2021 laqghet it-talba ghall-konverzjoni tad-danni likwidati f'habs ghal zmien sentejn.

Hemm serje ta' principji li japplikaw u gew vjolati:

a) *Quod non est in actis non est in mundo*;
b) Li l-ligi procedurali hija ta' ordni pubbliku u torbot lill-partijiet fil-kawza imma wkoll lill-gudikanti, u mhix "*an optional*";
c) Illi hemm diversi istanzi fejn ma gietx komminata n-nullità, imma xorta l-effett kien l-istess, fis-sens li dak li jkun sar ma jistax ikollu effett, per ezempju App. Kriminali Superjuri – Rep Rizzo u Debattista; Rep vs Edwin Bartolo u hafna ohrajn;
d) Illi l-ligi penali hija *strictissimae interpretationis*;
e) Illi l-ligi trid tigi applikata fit-totalità taghha u mhux b'interpretazzjoni personali, wiehed jista' jiskarta parti mit-test tal-ligi.

Il-vjolazzjoni ta' dawn il-principji bazici jgib il-vjolazzjonijiet taht l-Artiklu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-bniedem u tal-partijiet rilevanti tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li bid-digriet moghti fit-12 ta' Jannar 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra l-esponenti fejn giet konvertita likwidazzjoni ta' danni f'habs, fic-cirkostanzi hawn imsemmija, jilledi d-dritt taghha taht l-Artiklu 6 (fair trial) u tal-Artiklu 7 (extensive interpretation of the law to the detrement of the accused) u tal-partijiet korrispondenti tal-Kostituzzjoni fl-Artiklu 39.

2. Taghtiha rimedju effettiv inkluz it-thassir tad-digriet imsemmi u l-effetti tieghu.

3. Taghtiha kumpens ghad-danni morali.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:

*Preliminari*

In linea preliminari, l-esponent mhux edott mill-fatti u jilmenta għall-fatt li r-rikorrenti ma tatx sfond ċar tal-każ tagħha iżda ressqet rikors skjett u mhux ċar, li l-esponent kien marbut iwieġeb fi ftit sigħat, u għalhekk l-esponent umilment jitlob li jiġu allegati l-atti mertu ta' dan il-każ sabiex ikollu stampa aħjar u iktar ċara tal-fatti.

In linea preliminari ukoll, tajjeb li jingħad li <u>sabiex jinsab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq jeħtieġ li l-proċess kriminali jiġi eżaminat fl-intier tiegħu u l-esponent jopponi bis-sħiħ għal spezzettar konvenjenti ta' proċess kriminali</u>.

F'punt numru 4 tar-rikors promotur, ir-rikorrenti ssemmi li l-Avukat Ġenerali ma appellax minn dak li r-rikorrenti qed issejjaħlu difett – li fil-verità ma hu difett xejn. L-esponent isostni li jekk ir-rikorrenti ħassitha aggravata, kien jinkombi fuqha li tappella anki minn dik il-parti tas-sentenza. Mhux ċar jekk ir-rikorrenti appellatx jew le għax filli r-rikorrenti tgħid li dan l-hekk imsejjaħ difett ma ġiex sanat, u filli tgħid li appellat. Fin-nuqqas ta' kjarezza, l-esponent jara li <u>r-rikorrenti għandha DEJJEM teżawrixxi r-rimedji ordinarji li għandha a disposizzjoni tagħha quddiem il-Qrati Kriminali u għalhekk, l-esponent jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha</u>.

Preliminarjament ukoll, irid jiġi enfasizzat li l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhix li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji jew li tħassar deċiżjonijiet ta' qrati oħra jew li tiddeċiedi kwistjonijiet li jxaqilbu lejn il-frivolu u vessatorju, għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

*Fil-Mertu*

Ir-rikorrenti trid iġġib prova ċara b'liema mod u manjiera ġarrbet ksur tal-Artikoli msemmija minnha.

Minn eżami tal-artikoli 28A(4) u 28H(8) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1], jidher li l-leġislatur ried li l-Qorti tavża verbalment, u tispjega *viva voce* lill-ħati, appożitament sabiex jifhem sewwa l-konsegwenzi tal-aġir tiegħu. Ma hemm imkien imniżżel fil-liġi li din it-twissija trid tkun bil-miktub, anzi jidher ċar li l-liġi trid li l-Qorti tindirizza lill-ħati direttament u wiċċ'imb wiċċ – u dan għall-kuntrarju ta' kif qed tipprova targumenta b'mod żbaljat ir-rikorrenti. Barra minn hekk, jekk xorta waħda r-rikorrenti kellha xi diffikultà u ma fehmitx li qaltilha l-Qorti, setgħet faċilment talbet lill-avukat tagħha jerġa' jtenni dak li ġie spjegat lilha mill-Qorti.

Ma jista' qatt jiġi aċċettat li dawn il-proċeduri kostituzzjonali jiġu abbużati sabiex minflok mill-bieb nippruvaw ngħaddu mit-tieqa. L-esponent jara li dawn il-proċeduri jxaqilbu lejn il-frivolu u vessatorju u dan ma jistax jibqa' jiġi aċċettat – ara sentenza deċiża mill-Imħallef Francesco Depasquale proprju llum 14 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet <u>Emiliya Valcheva Gatt vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>.

L-esponent jisħaq li l-Qorti mxiet korrettement u skont id-dettami tal-liġi u għalhekk id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell

[1] *"28A(4) Meta l-qorti tagħti sentenza sospiża hija **<u>għandha tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu</u>** taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija."*
*"28H(8) Meta tiġi nkluża direttiva bis-saħħa ta' dan l-artikolu, **<u>il-qorti għandha tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu</u>** taħt dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' dik id-direttiva."*

Kriminali fit-12 ta' Jannar 2021 m'għandux jiġi ddikjarat li jmur kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli msemmija minnha.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa kollha l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Semgħet id-deposizzjoni tar-rikorrenti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba li, skont hi, la l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali ma għamlu t-twissija skont l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru 2012, ir-rikorrenti nstabet ħatja ta' truffa, frodi u rikatt a detriment ta' ċertu John Attard. Hija ġiet ikkundannata għall-perjodu ta' sentejn priġunerija sospiżi għall-erba' snin. B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lir-rikorrenti tħallas lill-parti leża s-somma ta' €93,000 u dan fi żmien sitt xhur. Skont l-imsemmi Artikolu 28H, jekk il-ħati ma jħallasx l-ammont stabbilit mill-Qorti fiż-żmien stipulat, il-Qorti għandha, wara talba magħmula mill-parti leża f'dan is-sens, tordna li s-sentenza sospiża tidħol fis-seħħ.

Ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti limitatament billi ħassritha fejn ikkundannat lir-rikorrenti tħallas €93,000 u minflok ikkundannatha tħallas €81,512 fi żmien sitt xhur.

Permezz ta' rikors tal-15 ta' Lulju 2014, il-parti leża pproċeda skont l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 sabiex, wara li jiġi stabbilit li r-rikorrenti baqgħet ma ottemperatx ruħha mal-ordni ta' restituzzjoni, is-sentenza sospiża tibda sseħħ.

Din il-Qorti kif presjeduta diġà kellha opportunità tisma u tiddeċiedi rikors kostituzzjonali fl-istess ismijiet fejn ir-rikorrenti allegat li l-applikazzjoni tal-Artikolu 28H fil-konfront tagħha huwa leżiv tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq.

Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Ġunu 2020, it-talbiet tar-rikorrenti ġew miċħuda minn din il-Qorti kif presjeduta. Minn din id-deċiżjoni ma sarx appell. Peress illi r-rikors tal-parti leża tal-15 ta' Lulju 2014 kien qiegħed jistenna d-deċiżjoni fil-proċeduri kostituzzjonali, permezz ta' rikors tal-5 ta' Awwissu 2020, il-parti leża talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tikkjama u tiddeċiedi r-rikors tal-15 ta' Lulju 2014.

Fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 2020, Dr. Joe Brincat għar-rikorrenti ppreżenta nota quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li permezz tagħha lmenta li l-Qorti tal-Maġistrati ma kienitx għamlet it-twissija skont l-Artikolu 28H. Peress illi qieset li f'dawk il-proċeduri hija kellha tqis biss jekk il-ħati (illum rikorrenti) osservax l-ordni mogħtija lilu skont l-Artikolu 28H, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-eċċezzjoni ta' Lourdes Castillo permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Novembru 2020. Permezz ta' digriet tat-12 ta' Jannar 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet it-talba tal-parti leża u kkonvertiet is-somma li r-rikorrenti ġiet ordnata tħallas f'piena karċerarja stante li l-ħlas baqa' ma sarx. Jidher li wara din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti pproċediet b'din il-kawza.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

L-artikolu 28H li dwaru qiegħda tilmenta r-rikorrenti jiddisponi li:

*"(1) Meta l-qorti tagħmel ordni ta' sentenza sospiża bis-saħħa tal-artikolu 28A(1), hija tista' tinkludi f'dak l-ordni direttiva li tkun tobbliga lill-ħati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegħ ieħor kontra l-liġi, bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwar u tkun ingħatat is-sentenza sospiża, jew li jħallas lil dik il-parti dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż fil-każ biss ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro*

*(€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, ħsara morali u, jew psikoloġika kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat; u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel.*

*(2) F'kull każ li fih il-qorti tinkludi direttiva bħal dik fl-ordni tagħha bis-saħħa tal-artikola 28A(1), hija għandha, f'dik id-direttiva, tistabbilixxi ż-żmien, li ma jkunx ta' aktar minn sitt xhur mid-data tad-direttiva, li fih ir-restituzzjoni jew il-ħlas tal-kumpens speċifikat fid-direttiva għandu jsir mill-ħati.*

*(3) Meta tagħmel ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment billi tqis kull obbligu ieħor li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.*

*(4) Il-qorti għandha tistabbilixxi l-ammont ta' kull kumpens li għandu jitħallas skont id-direttiva bis-saħħa ta' dan l-artikolu wara li tkun sommarjament semgħet lill-partijiet, jekk ikunu hekk jixtiequ, u kull xiehda oħra, magħduda dik tal-esperti, li tista' tqis relevanti, iżda l-ammont ta' kumpens hekk stabbilit għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull waħda mill-partijiet, jew ta' xi persuna oħra li jkollha interess, li joħorġu mill-likwidazzjoni finali tal-ammont dovut, jekk ikun il-każ, kif jista' jiġi eventwalment miftiehem jew deċiż f'kawża ċivili jew b'kull mod ieħor permess bil-liġi.*

*(5) Jekk il-ħati jonqos li jikkonforma ruħu ma' direttiva inkluża bis-saħħa ta' dan l-artikolu fiż-żmien stabbilit mill-qorti f'dik id-direttiva, il-qorti għandha, wara rikors maħluf mill-parti li lilha jkunu dovuti dik ir-restituzzjoni jew dak il-kumpens, liema rikors għandu jiġi notifikat lill-ħati, tistabilixxi jum u ħin mhux iktar tard minn sebat ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors, sabiex jinstemgħu l-partijiet.*

*(6) Jekk il-qorti, wara dak is-smiegħ, tkun sodisfatta li l-ħati jkun naqas li jikkonforma ruħu mad-direttiva tagħha*

*mogħtija bis-saħħa ta' dan l-artikolu, hija għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda sseħħ. Il-qorti tista', iżda, għal kawża raġonevoli, tikkonċedi lill-ħati żmien ieħor perentorju li ma jkunx ta' iktar minn xahar, sabiex jikkonforma ruħu mad-direttiva.*

*(7) Il-qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' rikors kif hemm imsemmi fis-subartikolu (5) jekk dak ir-rikors ikun ġie ppreżentat wara l-għeluq ta' tliet xhur mit-tmiem taż-żmien stabbilit mill-qorti biex wieħed jikkonforma ruħu ma' dik id-direttiva.*

*(8) Meta tiġi nkluża direttiva bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' dik id-direttiva."*

Il-Qorti tibda billi tenfasizza li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tiffunzjona ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Il-proċeduri kostituzzjonali u dawk taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri. Id-dritt għas-smigħ xieraq jiggarantixxi l-aderanza ma' ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-Qorti trid tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.

In suċċint, it-teżi tar-rikorrenti hija li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħha għaliex hemm difett fil-proċeduri kriminali minħabba n-nuqqas ta' twissija skont l-Artikolu 28H(8). Konsegwentement, qed titlob t-tħassir tad-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Jannar 2021 u kif ukoll likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

Madanakollu, wara li l-Qorti qieset l-ilment tar-rikorrenti, tasal għall-konklużjoni li ma jirriżultax li l-proċeduri kriminali in kwistjoni ġew imtappna minn xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Ir-rikorrenti qiegħda għal darb'oħra tabbuża minn dawn il-proċeduri straordinarji billi tressaq talbiet frivoli u vessatorji biex tipprova taħrab mid-deċiżjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali.

L-ewwelnett, il-Qorti tinnota li r-rikorrenti qajmet dan l-ilment għall-ewwel darba **tmien snin** wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. N Jekk ir-rikorrenti verament ħassitha aggravata b'dak li hija ssejjaħlu 'difett', kien imissha ressqet aggravju f'dan is-sens quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u mhux tippretendi li tqajjem lanjanza ta' din ix-xorta wara dawn is-snin kollha.

Kif ingħad proprju fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju 2006, fil-kawża fl-ismijiet Nardu Balzan Imqareb vs Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> "*Rikorsi kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u addottata qabel ma l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikun provdut u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.*"

Iżda mhux hekk biss. Filwaqt illi huwa minnu li mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma jirriżultax illi r-rikorrenti ngħatat t-twissija, imkien fil-liġi ma hemm stipulat li din it-twissija trid tingħata bil-miktub. Il-Qorti ma temminx illi, wara dawn is-snin kollha, ir-rikorrenti tiftakar jew ma tiftakarx jekk kinetx ingħatat it-twissija imma qed tipprova taprofitta ruħha mill-fatt illi ma hemm miktub xejn fis-sentenzi.

Fuq kollox, anke jekk għal grazzja tal-argument, it-twissija ma saritx, ma jfissirx illi l-ordni skont l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 hija nulla. Kwistjoni simili ġiet trattata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francis Vella, tas-7 ta' Marzu 2011. Ingħad hekk:

> "*L-ewwelnett l-appellant jissottometti li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla għaliex il-Qorti ma spjegatx il-portata tal-artikolu 28A lill-imputat. Jekk wieħed iħares lejn fol 1 fejn tidher is-sentenza miktuba mill-Maġistrat,*

*wieħed jara li hemm l-artikolu 28A tal-Kap 9 u m'hemmx imsemmi li saret xi spjegazzjoni.*

*Iżda dan minnu nnifsu ma jfissirx li l-Qorti m'għamlet ebda spjegazzjoni għaliex din setgħet saret oralment u ma tniżżlitx bil-miktub meta s-sentenza kienet qed tinkiteb fl-awla. Fil-fatt l-artikolu 28(4) tal-Kap 9 mkien ma tgħid li din l-ispjegazzjoni għandha titniżżel bil-miktub fl-atti tal-proċess.*

*Barra minn dan l-istess artikolu mkien ma jgħid li jekk ma ssirx din l-ispjegazzjoni jew jekk din ma tinkitibx, allura hemm xi nullità. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ 'Il-Pulizija versus Russell Bugeja' (29 ta' Frar 2008):*

*'L-eċċezzjoni tan-nullità ta' att fil-kamp tal-proċedura penali hija, bħala regola ġenerali, ammissibbli biss fejn il-Leġislatur jikkominaha. Mill-bqija għandha tipprevalu l-massima 'interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat.""*

Il-proċeduri kriminali jridu jittieħdu fl-intier tagħhom u r-rikorrenti ma tistax taqbad ma xi episodju u minħabba kwalunkwe nuqqas tippretendi li ma ngħatatx smigħ xieraq.

Fis-sentenza Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et, tas-16 ta' Ottubru 2002, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

*"...huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x'ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat. Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem tal-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista' jasal kien*

*ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmi dritt fondamentali."*

Kif proprju jgħallmu wkoll l-ġuristi Jacobs, White & Ovey, f'paġna 243 tal-ktieb tagħhom, The European Convention on Human Rights (il-ħames edizzjoni),

*"The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

Finalment, ir-rikorrenti ma wrietx illi b'xi mod ġiet ippreġudikata għaliex (allegatament) ma ngħatatx din it-twissija. Ir-rikorrenti mhux tallega li hija kienet ser tara kif tagħmel u tħallas kieku ġiet imwissija mill-Qorti li jekk ma tħallasx, l-ordni ta' restituzzjoni tiġi konvertita f'piena karċerarja jew li ma kienitx qiegħda tifhem il-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qrati Kriminali.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak li jgħidu l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights, paġna 202 u 204 (il-ħames edizzjoni):

*"Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of 'actual prejudice' to the applicant. This is the case in the application of the residual 'fair hearing' guarantee in Article 6[1] [fn. 5, See below, p 246. Thus in a 'fair hearing' case,*

*'where the procedural flaw is not central to the notion of a fair hearing … a violation will be registered if the shortcoming in question caused actual prejudice to the defence': Harper v UK No 11229/84, 1986 unreported, quoted in Stavros, p 44].*

*…*

*In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighted by other aspects of the hearing [fn. 8 See eg, Stanford vs UKA 282-A [1994]] or that is rectified on appeal [fn. 9 See eg, Edwards vs UK A247-B [1992]; 15 EHRR 417] will not involve a breach of Article 6."*

Ir-rikorrenti tinvoka wkoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jiddisponi li:

*"1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

Madanakollu, ir-rikorrenti naqset ukoll milli tispjega kif seta' ġie leż id-dritt fundamentali tagħha hekk kif protett permezz ta' dan l-artikolu meta l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 kien diġà fis-seħħ meta r-rikorrenti wettqet ir-reati li tagħhom instabet ħatja.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG